PARTIT NAZZJONALISTA

Nifs Ġdid

Programm Elettorali

# Ambjent

Ambjent li jagħtik nifs,
f'pajjiż fejn ma tkunx fgat

Nifs Ġdid

## Nifs Ġdid. Dan hu l-mument, tiegħek.

Din il-kampanja elettorali hija mibnija fuq wegħda ċara: b'dak li qed nipproponu rridu li nagħtu nifs ġdid lil Malta u Għawdex. Nifs ġdid lilek.

Fix-xhur li għaddew iltqajt ma' ħafna minnkom fid-djar, fil-pjazez u fuq il-postijiet tax-xogħol. Smajt it-tamiet, u l-aspirazzjonijiet tagħkom. Fuq kollox, fhimt kemm tħobbu lil pajjiżna. Bħalkom, jien kburi li jien Malti, u nemmen li flimkien nistgħu nibnu Malta u Għawdex li jistħoqqlok, li jistħoqqilhom uliedna.

Fil-programm elettorali qed nispjegaw kif nifs ġdid ifisser pajjiż li jerġa' jaħdem għan-nies: fejn inti jkollok aktar serħan il-moħħ, politika li tagħti futur liż-żgħażagħ f'pajjiżna, l-anzjani jgħixu bid-dinjità, u l-ħaddiema jkollhom paga aħjar. Nifs ġdid ifisser ukoll ekonomija ġusta fejn is-sidien tan-negozji jsibu gvern li jgħinhom u mhux li jfixkilhom, kura tas-saħħa fil-pront, edukazzjoni li tħejji għad-dinja ta' għada, sistema tat-trasport effiċjenti biex int ma tinqabadx fit-traffiku, kontijiet orħos u ambjent nadif li jagħtik nifs tajjeb għal saħħtek. Nifs ġdid ifisser ukoll Għawdex bħala reġjun b'potenzjal enormi li joffri futur lill-Għawdxin u jibqa' ġawhra għall-Maltin

Dan il-kapitlu, flimkien mal-bqija tal-programm elettorali, jippreżenta pjan ċar u realistiku biex inwettqu din il-viżjoni. Proposti konkreti biex intejbu l-ħajja tiegħek u nagħtu direzzjoni aġġornata lill-pajjiż.

Dan huwa l-impenn tagħna miegħek.
Flimkien nistgħu nagħtu lil Malta nifs ġdid.

**Alex Borg**
Kap tal-Partit Nazzjonalista



# Ambjent li jagħtik nifs, f'pajjiż fejn ma tkunx fgat

Ambjent

# Nemmnu f'Malta li tikber b'mod responsabbli u sostenibbli. Pajjiż li jerġa' jqiegħed il-prijoritajiet nazzjonali f'posthom u li jħares ir-riżorsi naturali tiegħu bħala pedament għall-ġid komuni. Malta li tqiegħed il-kwalità tal-ħajja tan-nies fil-qalba tal-politika u li tifhem li l-iżvilupp ekonomiku għandu jservi biex in-nies jgħixu aħjar, mhux biex jeqred il-kwalità tal-ħajja tagħhom.

Il-programm ambjentali ta' Gvern ġdid Nazzjonalista mmexxi minn Alex Borg hu mibni fuq pjan ċar: pajjiż aktar nadif, aktar sikur, aktar reżiljenti għat-tibdil fil-klima u li joffri ambjent ta' kwalità għall-ħajja ta' kuljum tal-familji Maltin u Għawdxin. Politika ambjentali li tħares l-art, il-kosta, il-baħar, il-widien, il-bijodiversità u l-pajsaġġ Malti bħala wirt nazzjonali li jeħtieġ jiġi protett għall-ġid tal-ġenerazzjonijiet tal-lum u t'għada. Dawn huma riżorsi limitati u insostitwibbli li ma jistgħux jiġu ssagrifikati għal interessi fl-immedjat jew għal deċiżjonijiet li jonqsu milli jqisu l-interess nazzjonali fit-tul.

It-tibdil fil-klima m'għadux sfida astratta jew imbiegħda. Għal Malta, bħala pajjiż gżira fil-Mediterran, hu realtà li diġà qed tħalli impatt fuq is-saħħa pubblika, ir-riżorsi naturali, l-infrastruttura u l-ekonomija. Pajjiżna għandu bżonn investiment serju fit-tħejjija għall-effetti tat-tibdil fil-klima, fil-protezzjoni tal-komunitajiet u fit-trasformazzjoni lejn ekonomija aktar sostenibbli u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi.

Il-komunitajiet tagħna jistħoqqilhom aktar spazji miftuħa, aktar siġar u infrastruttura ħadra, arja aktar nadifa, inqas storbju, aktar ordni urban u lokalitajiet aktar adattati għall-isfidi klimatiċi tal-futur. Ambjent nadif, organizzat u reżiljenti hu kundizzjoni essenzjali għal saħħa pubblika aħjar, kwalità tal-ħajja aqwa u sens aktar sod ta' identità u appartenenza nazzjonali.

Din hi l-mira tagħna għal Malta: pajjiż li jieħu ħsieb l-ambjent naturali u urban tiegħu bl-istess serjetà li biha jieħu ħsieb lin-nies tiegħu. Malta li tifhem li l-kwalità tal-ħajja tal-bniedem, il-protezzjoni tal-annimali, il-konservazzjoni tan-natura u r-responsabbiltà lejn il-ġenerazzjonijiet futuri huma lkoll marbutin flimkien.

Pjan ta' Azzjoni

# Parks, spazji miftuħa u kwalità tal-ħajja

Il-Partit Nazzjonalista qed jipproponi pjan komprensiv biex jinħolqu parks u spazji miftuħa ta' kwalità li jkunu distribwiti b'mod ġust u aċċessibbli madwar Malta u Għawdex. Dan mhux se jkun proġett iżolat, iżda bidla strutturali fil-mod kif il-pajjiż jippjana u jmexxi l-ispazju pubbliku tiegħu.

Il-bidla fundamentali hi li l-aċċess għall-ispazji miftuħa jsir element ċentrali fil-proċess tal-ippjanar urban u territorjali. F'pajjiż fejn il-popolazzjoni qed tiżdied, id-densità urbana qed tikber u l-komunitajiet qed jaffaċċjaw pressjonijiet dejjem akbar minn traffiku u żvilupp intensiv, l-ispazji miftuħa ma jistgħux jibqgħu jitqiesu bħala l-fdal u t-tilqit tal-iżvilupp.

Għalhekk, kull lokalità tintrabat ma' park jew xibka ta' spazji miftuħa skont il-ħtiġijiet tagħha. Id-daqs, il-funzjoni u d-disinn tal-parks ikunu bbażati fuq kriterji oġġettivi, fosthom:

- id-densità tal-popolazzjoni,
- in-nuqqas eżistenti ta' spazji miftuħa,
- l-aċċessibbiltà bil-mixi, u
- il-ħtiġijiet tal-familji, tat-tfal, tal-anzjani u tal-komunità lokali.

Meta l-art pubblika ma tkunx biżżejjed biex jintlaħqu dawn il-miri, Gvern ġdid Nazzjonalista jkun lest jieħu d-deċiżjonijiet meħtieġa biex jakkwista art b'mod ġust, trasparenti u b'kumpens xieraq skont il-valur tas-suq. Dan għax il-kwalità tal-ħajja teħtieġ investiment konkret u fit-tul.

Dan hu l-impenn tagħna: nagħtu lura spazju lin-nies permezz ta' parks reali u sostenibbli li jbiddlu b'mod pożittiv il-mod kif ngħixu fil-lokalitajiet tagħna. Mhux permezz ta' interventi superfiċjali jew proġetti ta' marketing politiku, iżda b'infrastruttura pubblika ta' kwalità li toħloq komunitajiet aktar b'saħħithom, aktar sostenibbli u aktar umani.

Malta u Għawdex għandhom bżonn programm li jtejjeb il-kwalità tal-ħajja, li tqiegħed lin-nies, lill-komunitajiet u lill-ambjent fiċ-ċentru tal-iżvilupp nazzjonali, u l-ambjent li tagħti nifs ġdid. Dan hu li qed joffri dan il-programm elettorali.

Proposta Ewlenija 01

# Kull lokalità b'park veru marbut magħha

Kull lokalità jkollha mill-anqas park wieħed. Din mhijiex proposta ta' tisbiħ biss, iżda investiment fil-kwalità tal-ħajja, fl-ambjent u fil-komunitajiet tagħna. Il-parks ikollhom aktar siġar, dell, spazji naturali u żoni miftuħa fejn il-familji, it-tfal u l-anzjani jistgħu jqattgħu ħin flimkien. L-enfasi tkun fuq natura vera u mhux fuq konkos jew landscaping artifiċjali, kif għamel il-Gvern Laburista f'dawn l-aħħar 13-il sena. Dawn il-parks jgħinu biex tonqos is-sħana urbana, titjieb il-kwalità tal-arja u jinħolqu spazji ta' mistrieħ qrib in-nies. Il-pjan jinkludi wkoll aktar afforestazzjoni u spazji miftuħa kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex.



## Aktar Proposti

### 02. Inressqu l-Att dwar il-Parks quddiem il-Parlament

Inressqu l-Att dwar il-Parks quddiem il-Parlament biex Malta u Għawdex għall-ewwel darba jkollhom definizzjoni legali ċara ta' x'inhu park u x'jikkwalifika bħala spazju aħdar. Din il-liġi twaqqaf darba għal dejjem il-greenwashing u tipproteġi lill-komunitajiet minn proġetti mibnija aktar bil-konkrit milli bis-siġar, aktar għall-effett viżiv milli għall-kwalità tal-ħajja.

### 03. Nistabbilixxu standards minimi għal kull park

Kull park ikun marbut ma' standards nazzjonali ċari u obbligatorji: aktar art ħadra u mhux pavimentata, aktar siġar, aċċessibilità vera għal kulħadd, immaniġġjar sostenibbli tal-ilma, manutenzjoni kontinwa, u protezzjoni mill-iżvilupp u l-kummerċjalizzazzjoni żejda. Kull park ikun spazju interġenerazzjonali mibni għan-nies.

### 04. Inħejju mappa tal-parks u l-wesgħat ħodor

Inniedu mappa nazzjonali strateġika biex nidentifikaw fejn hemm l-akbar nuqqas ta' spazji miftuħa, fejn jistgħu jinħolqu parks ġodda u fejn hemm bżonn investiment dirett mill-Gvern. Din tkun il-bażi ta' pjan nazzjonali serju biex kull komunità tingħata lura spazju miftuħ ta' kwalità.

### 05. Fond għal ħolqien, xiri u ħarsien ta' wesgħat ħodor

Il-Gvern jirriġenera artijiet pubbliċi biex jagħmilhom parks u spazji ħodor fil-lokalitajiet. Meta ma jkunx hemm art pubblika, il-Gvern fejn ikun possibbli għandu jixtri art biex joħloq spazji miftuħa.

### 06. Gvern Nazzjonalista jwettaq il-park ta' Santa Venera

Gvern Nazzjonalista jwettaq il-Park ta' Santa Venera bil-fatti, mhux bil-wegħdiet. Proġett ta' madwar 16,000 metru kwadru u investiment ta' €26 miljun li jagħti nifs ġdid lil din il-komunità maqbuda f'nofs l-iżvilupp u t-traffiku. Il-proġett jinkludi park modern, ċentru ċiviku u faċilitajiet tal-parkeġġ, biex Santa Venera finalment ikollha spazju pubbliku ta' kwalità mibni għall-familji u għall-komunità.

### 07. Malta nadifa: sistema ġdida għall-indafa pubblika

Nintroduċu l-Clean Malta Guarantee bi standards nazzjonali obbligatorji għall-indafa f'kull lokalità, kuntratti marbuta mar-riżultati u infurzar aktar iebes kontra min iħammeġ. L-indafa pubblika ssir servizz essenzjali li jagħti aktar dinjità, saħħa u kwalità tal-ħajja lill-poplu tagħna.

### 08. Żoni sensittivi jingħataw prijorità għat-tindif

Niżguraw l-ogħla livell ta' tindif u manutenzjoni fil-pajjiż lill-iskejjel, iċ-ċentri tas-saħħa, id-djar tal-anzjani, il-parks, il-grawnds u l-bandli, il-pjazez u ż-żoni turistiċi. Fiż-żoni turistiċi, il-ġbir tal-iskart isir aktar frekwenti, aktar effiċjenti u aktar adattat għar-realtajiet tal-lokalità.

# Art, ippjanar u ġustizzja ambjentali

## 09. ERA b'vuċi deċiżiva fl-ODZ u l-ippjanar

Nagħtu setgħa reali u deċiżiva lill-ERA fl-applikazzjonijiet fuq art ODZ u fid-deċiżjonijiet ambjentali sensittivi. L-ebda permess ma għandu jgħaddi mingħajr approvazzjoni ambjentali ċara u vinkolanti. L-awtorità ambjentali trid tieqaf tkun spettatriċi u ssir difensur sod tal-ġid komuni.

## 10. Masterplans aġġornati għal kull lokalità

Kull lokalità jkollha masterplan modern u aġġornat kull għaxar snin, skont konsultazzjoni pubblika vera u fuq il-kapaċità reali tal-lokalità. L-iżvilupp għandu jirrispetta l-karattru, l-infrastruttura u l-kwalità tal-ħajja tal-komunitajiet.

## 11. Liġi dwar l-ippjanar ġdida wara konsultazzjoni vera

Inniedu riforma nazzjonali tal-ippjanar mibnija fuq konsultazzjoni miftuħa mal-pubbliku, NGOs, professjonisti, Kunsilli Lokali u l-Parlament. Malta teħtieġ sistema tal-ippjanar trasparenti li taħdem għall-ġid tan-nies u mhux għall-konvenjenza politika jew l-ispekulazzjoni.

## 12. Appelli li jwaqqfu x-xogħol sakemm jinqatgħu fi żmien 6 xhur

Meta permess jitressaq għall-appell, ix-xogħol għandu jieqaf minnufih sakemm tingħata d-deċiżjoni finali. Il-ġustizzja ma tistax tibqa' tasal wara li l-ħsara tkun diġà saret. Fl-istess ħin, l-appelli jridu jinqatgħu fi żmien stabbilit ta' 6 xhur.

## 13. Aċċess veru għall-informazzjoni u l-ġustizzja ambjentali

Insaħħu t-trasparenza b'aċċess aktar faċli għal data, studji u dokumenti ambjentali, flimkien ma' għajnuna legali għall-każijiet ta' interess pubbliku. Il-pubbliku għandu jkollu mhux biss id-dritt li jkun infurmat, iżda wkoll il-mezzi biex jiddefendi l-ambjent tiegħu.

# Tibdil fil-klima: Malta li tipprepara, tadatta u tmexxi

## 14. Awtorità għat-tibdil fil-klima aktar soda

Insaħħu l-Awtorità għat-Tibdil fil-Klima b'aktar indipendenza, esperti tekniċi u setgħat reali biex tmexxi l-politika klimatika ta' Malta. Din tkun ċentru strateġiku nazzjonali li jidentifika r-riskji għal pajjiżna, jikkoordina l-azzjoni bejn l-entitajiet kollha u jmexxi l-pjan ta' adattament u trasformazzjoni ekonomika għall-futur.

## 15. Pjan ċar u serju komunikat lill-pubbliku

L-Awtorità tkun obbligata tippreżenta pjan nazzjonali ċar, konkret u aġġornat dwar it-tibdil fil-klima, b'azzjonijiet, responsabbiltajiet, skadenzi u spejjeż definiti. Il-pubbliku għandu jkun jaf x'jinbidel f'pajjiżna u kif se nkunu ppreparati għal dan it-tibdil.

## 16. Malta b'vuċi aktar soda fl-Unjoni Ewropea

Nibnu kapaċità diplomatika u teknika aktar soda biex tkun tista' tiddefendi l-interessi tagħha fl-UE bħala pajjiż gżira vulnerabbli għat-tibdil fil-klima. Malta trid tattira aktar fondi Ewropej, aktar appoġġ u aktar flessibbiltà biex tipproteġi lill-pajjiż u lill-ekonomija tiegħu.

## 17. Azzjoni immedjata għal kisbiet malajr, bħal bjut bojod

Nimplimentaw miżuri immedjati u effettivi biex innaqqsu s-sħana urbana u l-kontijiet tal-enerġija, inkluż programm ta' soqfa friski u bjut bojod, aktar dell fit-toroq, aktar siġar u materjali urbani li jnaqqsu t-temperaturi fil-lokalitajiet tagħna.

## 18. Trasformazzjoni ekonomika

Inniedu programm ta' investiment biex Malta tipprepara ruħha ekonomikament għat-tibdil fil-klima. Dan jinkludi investiment fl-enerġija nadifa, infrastruttura reżiljenti, sistemi moderni tal-ilma, industriji ċirkolari, riċiklaġġ avvanzat, innovazzjoni u teknoloġiji sostenibbli biex Malta tibqa' kompetittiva fl-ekonomija Ewropea tal-ġejjieni.

## 19. Tibdil fil-klima integrat fil-politika tal-ippjanar

Nagħmlu l-adattament għat-tibdil fil-klima parti obbligatorja minn kull pjan lokali, masterplan u proġett infrastrutturali. Malta trid tibda tippjana għal temperaturi aktar għoljin, għargħar, nixfiet u pressjonijiet klimatiċi ġodda.

## 20. Soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura

Nagħtu prijorità lil soluzzjonijiet naturali bħat-tħawwil tas-siġar, restawr tal-widien, art permeabbli, ġonna tax-xita, afforestazzjoni u protezzjoni tal-kosta biex inġġieldu s-sħana urbana, l-għargħar u t-tniġġis. Fejn in-natura tista' ssolvi problema, Malta trid tieqaf tagħżel biss il-konkrit.

## 21. Edukazzjoni u għarfien dwar it-tibdil fil-klima

Inniedu programm nazzjonali ta' edukazzjoni klimatika fl-iskejjel, fil-komunitajiet u mal-industrija biex il-pubbliku jifhem ir-riskji, il-bidliet meħtieġa u r-rwol li kulħadd għandu biex Malta tadatta għall-futur b'mod responsabbli u sostenibbli.

# Kwalità tal-arja

## 22. Inwessgħu l-monitoraġġ tal-kwalità tal-arja

Insaħħu u nwessgħu n-network nazzjonali tal-monitoraġġ tal-kwalità tal-arja b'aktar stazzjonijiet, aktar kejl lokali u data aktar frekwenti u preċiża. Il-kwalità tal-arja trid issir prijorità nazzjonali fil-politika tas-saħħa, l-ambjent u l-ippjanar.

## 23. Monitoraġġ tal-arja li jasal u jinftiehem min-nies

Nintroduċu Air Quality Index nazzjonali li jkun aċċessibbli kuljum fl-aħbarijiet tat-temp, l-Apps u dashboard pubbliku live, b'informazzjoni ċara skont il-lokalità, twissijiet għas-saħħa u data miftuħa biex kulħadd ikun jaf x'arja qed jieħu.

## 24. Waste-to-Product flok Waste-to-Energy

Nibdlu l-istrateġija mill-waste-to-energy għal strateġija moderna ta' waste-to-product, biex l-iskart isir materjal b'valur ekonomiku b'separazzjoni aħjar, riċiklaġġ avvanzat u rkupru tal-materjali. Dan inaqqas l-emissjonijiet, itejjeb il-kwalità tal-arja u jqiegħed lil Malta f'pożizzjoni aħjar biex tattira fondi Ewropej għal ekonomija aktar ċirkolari u sostenibbli.

# Natura, kosta u pajsaġġ

## 25. Malta Nature Network

Noħolqu l-Malta Nature Network, qafas nazzjonali wieħed li jgħaqqad lil Natura 2000, il-widien, il-ħitan tas-sejjieħ, ix-xagħri, il-kurituri ekoloġiċi u l-irqajja' rurali f'sistema waħda ta' protezzjoni u mmaniġġjar. Nintroduċu wkoll kumpens ġust lill-bdiewa u s-sidien tal-art li jipproteġu u jżommu dawn l-assi naturali ħajjin.

## 26. Tmexxija attiva ta' Natura 2000 fuq l-art u fuq il-baħar

Nagħtu aktar riżorsi, ħaddiema speċjalizzati u infurzar serju biex is-siti ta' Natura 2000 ikunu ġestiti u protetti fil-prattika. Il-ħarsien tan-natura għandu jitkejjel bir-riżultati fuq il-post, mhux biss bil-liġijiet jew bil-pjanijiet tal-immaniġġjar fuq il-karta.

## 27. Restawr tal-widien

Insostnu programm ta' restawr ekologiku tal-widien - l-ewwel wieħed ikun Wied Qirda - biex inneħħu l-ispeċijiet invażivi, nirriġeneraw il-ħabitats naturali u nsaħħu r-rwol tal-widien bħala sistemi naturali għall-ilma, il-bijodiversità u l-kwalità tal-ħajja.

## 28. Aktar żoni tal-baħar protetti

Nespandu ż-Żoni tal-Baħar Protetti b'aktar monitoraġġ, sorveljanza u infurzar biex nipproteġu l-bijodiversità marina, insaħħu l-istokk tal-ħut u nibnu baħar aktar san li jgħin għal sajd sostenibbli u turiżmu ta' kwalità.

## 29. Qafas regolatorju għall-kosta u l-pajsaġġ kostali

Nintroduċu protezzjoni aktar b'saħħitha għall-kosta Maltija permezz ta' setback rules, monitoraġġ tal-erożjoni u pjanijiet ta' adattament għat-tibdil fil-klima. Il-kosta trid tibqa' patrimonju naturali u pubbliku għall-ġenerazzjonijiet futuri.

## 30. Jiżdiedu l-postijiet għall-għawm

Isiru aktar żoni għall-għawm f'lokalitajiet kostali ewlenin. Dan il-programm ta' swimming zones ġodda jżidu l-ispazju disponibbli għall-għawm u jtejbu l-esperjenza tar-residenti u tat-turisti.

## 31. Pjan trasparenti u sostenibbli għal Kemmuna

Nippubblikaw l-istudji kollha dwar il-carrying capacity ta' Kemmuna u nifthu konsultazzjoni nazzjonali trasparenti dwar il-ġejjieni tagħha. Id-deċiżjonijiet dwar Kemmuna nibbażawhom fuq ix-xjenza, il-protezzjoni ambjentali u l-interess nazzjonali.

## 32. Politika nazzjonali għall-pajsaġġ Malti

Nadottaw qafas legali għall-protezzjoni u l-immaniġġjar tal-pajsaġġ Malti rurali, urban u kostali biex inwaqqfu d-degradazzjoni kontinwa tal-identità viżiva ta' pajjiżna. Nużaw aktar immeppjar 3D u data LIDAR fil-proċess tal-ippjanar biex jiġu evalwati aħjar l-impatti ta' żviluppi kbar.

## 33. Politika kontra t-tniġġis tad-dawl

Naġġornaw il-liġijiet dwar it-tniġġis tad-dawl u nintroduċu standards ġodda għal dawl artifiċjali qrib siti sensittivi. Dan jgħin biex nipproteġu s-saħħa, il-bijodiversità, il-pajsaġġ billejl u l-potenzjal turistiku ta' Malta.

# Kwalità tal-ħajja u governanza ambjentali

## 34. Standards għoljin għall-infrastruttura ħadra

Inniedu programm biex inżidu u ntejbu l-infrastruttura ħadra fil-lokalitajiet urbani b'aktar siġar, dell u spazji naturali, abbażi ta' standards moderni tas-saħħa pubblika u l-kwalità tal-ħajja. Fid-dawl tas-sħana dejjem akbar fiċ-ċentru tal-Mediterran, din hi prijorità urġenti għal Malta.

## 35. Masterplan pubbliku b'GIS

Nippubblikaw masterplan fil-qafas ta' GIS nazzjonali li juri b'mod trasparenti kull proġett tat-tħaddir u infrastruttura ħadra f'Malta u Għawdex, bir-riżultati mistennija u b'aġġornamenti regolari biex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jsegwu u jkejlu l-progress.

## 36. ERA aktar indipendenti, trasparenti u effettiva

Nirriformaw l-ERA biex tikseb aktar indipendenza, aktar kontabbiltà u standards ċari tal-prestazzjoni. L-awtorità ambjentali trid tkun b'saħħitha biżżejjed biex tinforza l-liġi b'mod konsistenti, trasparenti u effettiv.

## 37. KPIs għall-aġenziji ambjentali

Nintroduċu KPIs ċari u li jistgħu jitkejlu għall-entitajiet ambjentali marbuta mal-bijodiversità, il-kwalità tal-ħajja u r-riżultati ambjentali reali, biex intejbu l-governanza, il-koordinazzjoni u t-twettiq tal-politika ambjentali.

## 38. Aktar ċertifikazzjoni għall-ekonomija turistika ambjentali

Ninċentivaw lil-lukandi, ir-ristoranti, il-bajjiet u l-operaturi turistiċi jiksbu ċertifikazzjonijiet ambjentali internazzjonali biex Malta tattira turiżmu ta' kwalità u aktar sostenibbli, filwaqt li tnaqqas l-impatt ambjentali tal-industrija.

## 39. Limiti statutorji għall-istorbju

Nintroduċu limiti legali ċari għall-istorbju marbut mat-traffiku, l-impjanti u l-operat industrijali, abbażi ta' standards tal-UE u internazzjonali. Nespandu l-monitoraġġ tal-istorbju madwar Malta u nieħdu miżuri konkreti biex innaqqsu t-tniġġis akustiku u ntejbu l-kwalità tal-ħajja fil-komunitajiet tagħna.

# Inħarsu u nsaħħu l-qalba tal-irħula u l-ibliet

## 40. Management plans u fondi speċifiċi għall-bliet

Gvern ġdid Nazzjonalista jfassal management plans u jalloka fondi speċifiċi għall-bliet imdawrin bis-swar u għaċ-ċentri storiċi ewlenin ta' Malta u Għawdex, fosthom l-Imdina, il-Belt Valletta, il-Birgu, l-Isla, Bormla, ir-Rabat u Victoria. Dawn il-pjanijiet jintroduċu ordni bilanċjata fejn jinħass ċertu nuqqas ta' regolamentazzjoni. L-inizjattivi jinkludu sistemi tat-traffiku aħjar, parkeġġi organizzati, użu xieraq tal-ispazji pubbliċi, inkluż tal-bankini. Dan anki b'rispett lejn ir-residenti li jagħtu lil dawn il-postijiet il-karattru uniku tagħhom.

## 41. Il-pjazez jitgawdew bla periklu

Naħdmu biex aktar pjazez tal-bliet u l-irħula jitgawdew min-nies. Isiru sistemi aħjar tat-traffiku li jagħti prijorità lir-residenti u lill-komunità. L-għan hu li kull lokalità jkollha parkeġġ adegwat, inkluż parkeġġi taħt l-art meta dan ikun possibbli. Meta ma jkunx possibbli, nintroduċu sistemi ta' park-and-ride għall-viżitaturi.

# Kunsilli Lokali b'saħħithom għalik u għall-ambjent lokali

## 42. Kunsilli Lokali b'aktar setgħat ambjentali

Nagħtu lura responsabbiltajiet konkreti lill-Kunsilli Lokali fl-ambjent, l-indafa u t-tisbiħ tal-lokalitajiet, b'aktar fondi u awtonomija biex id-deċiżjonijiet jerġgħu jibdew jittieħdu qrib ir-residenti.

## 43. Formula ġdida ta' finanzjament għall-Kunsilli

Naġġornaw il-finanzjament lill-Kunsilli Lokali biex ikun jirrifletti aħjar il-popolazzjoni, il-pressjoni staġunali, il-livell tal-attività, u r-responsabbiltajiet reali ta' kull lokalità.

## 44. Revenue sharing mal-lokalitajiet

Nintroduċu sistema ta' revenue sharing biex il-lokalitajiet jirċievu sehem ġust mill-attività ekonomika u kummerċjali li toħloq pressjoni fuq is-servizzi u l-infrastruttura tagħhom.

## 45. Konsultazzjoni obbligatorja mal-Kunsilli fuq proġetti nazzjonali

Nagħmlu obbligatorja l-konsultazzjoni mal-Kunsilli Lokali qabel ma jitwettqu proġetti nazzjonali li jolqtu direttament lill-komunitajiet tagħhom. Il-vuċi tal-lokalità trid tkun parti mid-deċiżjoni.

## 46. Għoti lura tal-funzjonijiet lill-Kunsilli Lokali

Nagħtu lura bosta funzjonijiet essenzjali lill-Kunsilli Lokali, fosthom il-manutenzjoni ta' toroq lokali, aspetti tal-indafa u parteċipazzjoni aktar attiva fl-infurzar lokali, b'koordinazzjoni ċara mal-entitajiet nazzjonali.

## 47. Standard nazzjonali ta' eċċellenza fil-Gvern Lokali

Nintroduċu sistema ta' benchmarking u standards tal-prestazzjoni biex intejbu l-kwalità tas-servizzi tal-Kunsilli Lokali u nħeġġuhom jilħqu standards Ewropej ta' governanza u amministrazzjoni.

## 48. Mekkaniżmu biex kwistjonijiet lokali jitressqu quddiem il-Parlament

Nagħtu d-dritt lill-Kunsilli Lokali li jressqu formalment kwistjonijiet serji jew urġenti quddiem Kumitati Parlamentari, biex il-problemi tal-komunitajiet ikollhom vuċi aktar b'saħħitha fil-livell nazzjonali.

# L-annimali: tant għeżież fil-familji tagħna

## 49. Sptar veterinarju nazzjonali operattiv 24 siegħa kuljum

Il-ħarsien tal-annimali jeħtieġ servizzi serji, kontinwi u affidabbli. Għalhekk, Gvern ġdid Nazzjonalista jimpenja ruħu li jiżviluppa u jopera Sptar Veterinarju Nazzjonali li jkun miftuħ u funzjonali għal kollox 24 siegħa kuljum, sebat ijiem fil-ġimgħa, inkluż billejl, fi tmiem il-ġimgħa u fil-festi pubbliċi. Dan is-servizz jipprovdi kura ta' emerġenza veterinarja kontinwa u aċċessibbli, biex is-sidien tal-annimali, il-voluntiera u l-organizzazzjonijiet ta' salvataġġ ikollhom is-serħan il-moħħ li f'kull ħin hemm appoġġ professjonali disponibbli. L-isptar veterinarju jkun ibbażat fuq mudell sostenibbli, trasparenti u effiċjenti, b'investiment xieraq fir-riżorsi umani, fit-tagħmir mediku u fil-governanza tas-servizz biex ikunu evitati s-sitwazzjonijiet ta' waqfien li kellna fil-passat.

## 50. Ministeru b'responsabbiltà għall-ħarsien tal-annimali

Noħolqu portafoll ministerjali apposta għall-ħarsien tal-annimali, b'responsabbiltà politika ċara, baġit speċifiku u struttura amministrattiva professjonali. Dan il-ministeru jkun responsabbli mill-koordinazzjoni tal-politika dwar il-benesseri tal-annimali, l-infurzar, il-governanza tas-settur, il-kollaborazzjoni mal-NGOs u l-implimentazzjoni ta' standards moderni dwar il-ħarsien tal-annimali.

## 51. Kummissarju indipendenti għall-ħarsien tal-annimali

Nsaħħu l-kariga ta' Kummissarju Indipendenti għall-Ħarsien tal-Annimali, maħtur bi proċess trasparenti u abbażi tal-kompetenzi professjonali. Il-Kummissarju jaqdi rwol ta' superviżjoni, monitoraġġ u kontabbiltà biex jissaħħu l-governanza, l-infurzar u l-protezzjoni effettiva tal-annimali fil-prattika.

## 52. Riforma tal-professjonijiet veterinarji u paraveterinarji

Nirrikonoxxu formalment speċjalizzazzjonijiet veterinarji differenti u nsaħħu r-regolamentazzjoni tal-professjonijiet paraveterinarji bi standards moderni, taħriġ akkreditat u qafas professjonali ċar. L-għan hu li kull professjonist li jaħdem direttament mal-annimali jkun suġġett għal kriterji tal-kwalità, tal-etika u tal-kompetenza li jkunu jirriflettu l-aqwa prattiċi internazzjonali.

## 53. Ċimiterji u krematorji għall-annimali f'Malta u Għawdex

Noħolqu faċilitajiet apposta għad-dfin u krematorju tal-annimali domestiċi f'Malta u f'Għawdex biex il-pajjiż ikollu qafas modern u regolamentat. Dawn il-faċilitajiet jitmexxew skont standards ambjentali u sanitarji adegwati u jkunu jirrispettaw il-valur emozzjonali li ħafna familji jagħtu lill-annimali tagħhom.

## 54. Infurzar aktar sod kontra l-moħqrija, it-trattament mhux xieraq u n-negliġenza

Insaħħu b'mod sostanzjali l-infurzar kontra l-abbuż u n-negliġenza tal-annimali permezz ta' aktar spezzjonijiet regolari, taħriġ speċjalizzat lill-uffiċjali tal-infurzar, koordinazzjoni aħjar bejn l-awtoritajiet u pieni aktar effettivi u deterrenti. Il-liġijiet dwar il-ħarsien tal-annimali għandhom jiġu infurzati bis-serjetà u b'konsistenza biex il-protezzjoni tal-annimali ma tibqax biss fuq il-karta.

## 55. Lista pożittiva għall-ispeċi permessi

Nintroduċu sistema ta' lista pożittiva li tidentifika b'mod ċar l-ispeċi tal-annimali li jistgħu jinżammu legalment bħala annimali domestiċi. Dan il-qafas hu maħsub biex jipproteġi l-benesseri tal-annimali, isaħħaħ is-sigurtà pubblika, inaqqas iż-żamma illegali jew mhux xierqa tal-annimali eżotiċi, u jindirizza l-problema tat-traffikar u abbandun ta' speċijiet mhux adattati għall-ambjent domestiku. Nistabbilixxu wkoll ċentru temporanju speċjalizzat għall-annimali eżotiċi konfiskati sakemm dawn jittieħdu f' post adattat u sikur.

## 56. Microchipping estiż u pussess responsabbli

Nestendu l-obbligu tal-microchipping għal aktar speċi meta dan ikun meħtieġ u nsaħħu l-qafas tal-pussess responsabbli tal-annimali. Dan jinkludi infurzar aktar regolari tal-liġijiet eżistenti, reġistri aktar effiċjenti, kampanji edukattivi dwar ir-responsabbiltajiet tas-sidien, u miżuri biex jonqos l-abbandun tal-annimali. L-għan hu li jissaħħaħ it-traċċar, il-protezzjoni u r-responsabbiltà fit-trobbija tal-annimali.

## 57. Xelters reġjonali u ċentri ta' re-homing

Nespandu n-network tax-xelters reġjonali, iċ-ċentri ta' re-homing u l-faċilitajiet tal-adozzjoni f'Malta u f'Għawdex. Dawn iċ-ċentri jipprovdu rijabilitazzjoni xierqa lill-annimali salvati jew konfiskati, programmi ta' adozzjoni responsabbli, appoġġ minn trainers u behaviourists kwalifikati, u spazji siguri u adattati għall-annimali u l-familji. L-għan hu li kull annimal li jista' jiġi rijabilitat jingħata opportunità realistika għal dar ġdida u kwalità tal-ħajja aħjar.

## 58. Kura veterinarja essenzjali aktar affordabbli

Naħdmu biex kura veterinarja essenzjali, mediċini veterinarji u sterilizzazzjoni jkunu aktar affordabbli għall-familji. Dan jista' jsir bi trattament fiskali aktar ġust u miżuri mmirati li jgħinu biex il-kura bażika tal-annimali tibqa' aċċessibbli għal aktar nies.

## 59. Liċenzjar immirat biex jonqos l-abbandun

Nintroduċu sistema moderna u proporzjonata ta' liċenzjar għal ċerti kategoriji ta' annimali biex jonqos l-abbandun, jissaħħaħ il-pussess responsabbli, ikunu evitati sitwazzjonijiet ta' riskju jew negliġenza. Il-qafas ikun ibbażat fuq il-bilanċ bejn il-protezzjoni tal-annimali, ir-responsabbiltà tas-sidien u l-prinċipju tal-proporzjonalità.

## 60. Assigurazzjoni għall-annimali domestiċi

Ninċentivaw aktar użu ta' skemi tal-assigurazzjoni għall-annimali domestiċi biex jonqsu l-piżijiet finanzjarji relatati mal-kura veterinarja. L-għan hu li nippromwovu prodotti tal-assigurazzjoni aktar inklużivi u aċċessibbli li ma jagħmlux diskriminazzjoni bejn razez differenti tal-annimali.

## 61. Gwardjani tal-annimali fil-komunitajiet

Nintroduċu sistema ta' gwardjani tal-annimali li jaħdmu b'koordinazzjoni bejn il-Kunsilli Lokali u d-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali. Dawn jaqdu rwol importanti fl-infurzar lokali, fil-monitoraġġ tal-każijiet ta' negliġenza jew abbandun, fl-edukazzjoni pubblika, fl-appoġġ lill-komunitajiet, u fil-koordinazzjoni mas-servizzi veterinarji u l-NGOs. L-għan hu li l-ħarsien tal-annimali jsir aktar qrib il-komunitajiet u aktar effettiv fil-prattika.

## 62. Għajnuna lill-feeders

Niffaċilitaw aktar għajnuna għall-feeders tal-annimali, b'mod speċjali permezz ta' sostenn fl-ikel, il-mediċina, servizzi veterinarji u programmi ta' neutering sabiex jitnaqqas l-abbandun u jiżdied il-ħarsien tal-annimali.

PARTIT NAZZJONALISTA

Nifs Ġdid

Dan hu l-mument tiegħek